MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 62/2009

Kawza fil-lista: 29

**A B f' isimha proprju u ghan-nom**
**u fl-interess tal-minuri C D,**
**u E F G**
**vs**
**L-Avukat Dottor Martin Fenech**
**u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer**
**sabiex jirraprezentaw lill-assenti H I D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ppremettew: li l-attrici zzewwget lill-H I D, izda qatt m'ghexet mieghu; li minn relazzjoni li hi kellha u ghad ghandha mal-attur, twieldet it-tifla C D li pero' fuq l-att tat-twelid taghha numru 389/2009 giet registrata bhala l-wild tal-konvenut H I D; ghalhekk qed jitolbu li din il-Qorti

tiddikjara li l-imsemmija tifla mhijiex il-wild naturali tal-konvenut, izda hija l-wild naturali ta' l-attur E F G, kif ukoll sabiex il-Qorti tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku rrefera ghall-artikoli 254, 782, 77 u 81 tal-Kap.16;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Robert Cardona u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar [fols.33 et seq.];

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla C D li twieldet mill-attrici fit-18 ta' Dicembru 2008 u registrata fuq l-att ta-twelid numru 389/09 bhala l-wild tal-konvenut, hija fil-fatt it-tifla bijologika ta' l-attur, kif ukoll sabiex isiru d-debit korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tat-tifla.

**Il-Fatti**
Illi l-attrici zzewwget lill-konvenut fis-sena 2003. Hija ratu darba biss, u qatt ma kellha relazzjonijiet intimi mieghu. Fil-frattemp, fis-sena 2007 hija dahlet f' relazzjoni esklussiva mal-attur u dawn bdew jikkoabitaw bhala familja. Di fatti huma ghandhom tifla ohra minn din ir-relazzjoni. Iz-zewg t'itfal kienu ippjanati.

Illi fis-sena 2009 l-attrici gabet l-annullament taz-zwieg taghha mal-konvenut.

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jikkonferma t-tezi attrici, u cioe' li l-attur huwa l-missier naturali tat-tifla.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici; u tiddikjara li t-tifla C D li twieldet mill-attrici fit-12 ta' Dicembru 2008 hija l-wild naturali u bijologika tal-attur E F G, u mhux tal-konvenut.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-attrici f'isimha proprju u tal-attur, fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------